**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors numru : 159/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz taghha ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat CB, fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla fl-ghaxra ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija wiehed u tmenin (10/10/1981) (Dok. A) ;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ibniet bl-isem ta' R B, fit-tletin ta' Lulju tal-elf disa` mija erba` u tmenin (30/7/1984) u F B,

fl-erbgha ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija hamsa u disghin (4/10/1995), u ghalhekk illum-il gurnata huma maggorenni;

3. Illi r-rikorrenti u zewgha l-intimat isseparaw minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija hamsa u disghin (25/10/1995), liema kopja tas-sentenza ta' separazzjoni tinsab hawn esebita u mmarkata bhala Dok. "B";
4. Illi llum-il gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti tirrikoncilja mal-intimat zewgha stante li ilha ghal dawn l-ahhar wiehed u ghoxrin sena (21) separata minn zewgha;
5. Illi in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju mill-intimat CB, la bhala manteniment versu l-ulied u kif ukoll bhala manteniment veru l-istess rikorrenti;
6. Illi, in oltre, ir-rikorrenti ma dan ir-rikors qieghda tipprezenta l-affidavit taghha (Dok. C);
7. Illi r-rikorrenti tixtieq li tottjeni id-divorzju u taqbel li z-zwieg taghha mal-intimat ghandu jigi mahlul;
8. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kondizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li  l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnha u l-intimat zewgha AB u tiddikjara z-zwieg taghhom, datat l-ghaxra ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija wiehed u tmenin (10.10.1981) mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Qorti jjidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha iddikjaraw :

Illi l-partijiet huwa minnu illi izzewgu fl-ghaxra ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (10/10/1981);

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (15/10/1995);

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Illi ma hemm l-ebda lok ghall-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-esponent **mhux qed jopponi** ghat-talbiet tal-attrici hekk mitluba fir-rikors promotur tal-istess AB ghall-hall taz-zwieg;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent a savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Ottubru 1995;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.